FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Nru: 1078/02 AJD.**
**Citadel Insurance p.l.c**

**vs**

**Ceiling Systems Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm547.65) rappresentanti prezz ta' premiums dovuti fuq zewg poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex taghmel dan.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi sa l-

effettiv pagament.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Christopher Vella, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u sebgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm547.65), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**